REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 154/2009

tat-23 ta' Frar 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1859/2005 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Użbekistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1859/2005 [1] jipprojbixxi, fost affarijiet oħra, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment u l-esportazzjoni lejn l-Użbekistan ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna. L-Anness I ta' dak ir-Regolament jelenka l-prodotti li għalihom tapplika din il-projbizzjoni.

(2) Il-lista ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna għandha tkun aġġornata wara rakkomandazzjonijiet magħmula minn esperti, billi jkun ikkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew għal trattament jew piena oħra krudili, diżumana jew degradanti [2].

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1859/2005 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1859/2005 jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Frar 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. VONDRA

[1] ĠU L 299, 16.11.2005, p. 23.

[2] ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.

ANNESS

"ANNESS I

Lista ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna msemmi fl-Artikoli 1(1), 2 u 4

1. Armi tan-nar, munizzjon u aċċessorji relatati magħhom, kif ġej:

   1.1 Armi tan-nar mhux ikkontrollati mill-ML 1 u l-ML 2 tal-Lista Militari Komuni tal-UE (*);

   1.2 Munizzjon imfassal apposta għall-armi tan-nar elenkati fil-punt 1.1 u komponenti mfasslin apposta għalihom;

   1.3 *Weapon-sights* mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

2. Bombi u granati mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

3. Vetturi kif ġej:

   3.1 Vetturi mgħammra b'kanun tal-ilma, mfasslin jew immodifikati apposta għall-fini tal-kontroll tal-irvelli;

   3.2 Vetturi mfasslin jew immodifikati apposta biex ikunu elettrifikati biex jimbuttaw lil dawk li jattakkawhom;

   3.3 Vetturi mfasslin jew immodifikati apposta biex inehħu barrikati, inkluż tagħmir ta' kostruzzjoni bi protezzjoni ballistika;

   3.4 Vetturi mfasslin apposta għat-trasport jew it-trasferiment ta' priġunieri u/jew persuni arrestati;

   3.5 Vetturi mfasslin apposta biex jiġu skjerati barrieri mobbli;

   3.6 Komponenti għall-vetturi speċifikati fil-punti 3.1 sa 3.5 mfasslin apposta għall-fini tal-kontroll tal-irvelli.

      Nota 1 Dan il-punt ma jikkontrollax vetturi mfassla apposta għall-finijiet ta' tifi tan-nar.

      Nota 2 Għall-finijiet tal-punt 3.5 it-terminu 'vetturi' jinkludi l-karrijiet.

4. Sustanzi esplussivi u tagħmir relatat kif ġej:

   4.1 Tagħmir u apparat imfassal apposta biex jagħti bidu lil splużjonijiet b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi inklużi settijiet tal-isparar, detonaturi, igniters, boosters u fil detonatur u komponenti mfasslin apposta għalihom; minbarra dawk imfasslin apposta għal użu kummerċjali speċifiku li jikkonsistu fl-attwazzjoni jew l-operat b'mezzi esplussivi ta' tagħmir jew apparat ieħor li l-funzjoni tagħhom m'hijiex il-ħolqien ta' splużjonijiet (per eżempju, neffieħa tal-*air-bags* tal-karozzi, apparat li jipprevjeni ż-żieda f'daqqa tal-elettriku ta' attivaturi ta' bexxiexa għat-tifi tan-nar);

   4.2 Kargi esplussivi *linear cutting* mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE;

   4.3 Esplussivi oħra mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE u sustanzi relatati kif ġej:

      a. amatol;

      b. nitrocellulose (li fiha aktar minn 12,5 % nitroġenu);

      ċ. nitroglycol;

      d. pentaerythritol tetranitrate (PETN);

      e. picryl chloride;

      f. 2,4,6-trinitrotoluene (TNT).

5. Tagħmir protettiv mhux ikkontrollat mill-ML 13 tal-Lista Militari Komuni tal-UE kif ġej:

   5.1 Korazzi tal-persuna li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew kontra ferimenti;

   5.2 Elmi li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew frammentarja, elmi għal kontra l-irvell, tarki għal kontra l-irvell u tarki ballistiċi.

   Nota. Din id-daħla ma tikkontrollax:

   — tagħmir imfassal apposta għal attivitajiet sportivi;

   — tagħmir imfassal apposta għall-ħtiġijiet tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

6. Simulaturi, minbarra dawk ikkontrollati mill-ML 14 tal-Lista Militari Komuni tal-UE, għal taħriġ fl-użu ta' armi tannar, u softwer imfassal apposta għalihom.

7. Tagħmir ta' viżjoni ta' bil-lejl u tal-ħolqien ta' immaġni termali u tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni, minbarra dawk ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

8. *Barbed wire* li jaqta'.

9. Skieken militari, skieken tal-ġlied u bajunetti b'xafra itwal minn 10 ċm.

10. Tagħmir ta' produzzjoni mfassal apposta għall-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

11. Teknoloġija speċifika għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

(*) ĠU C 98, 18.4.2008, p.1."